MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 229/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**John Mark Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Mark Xuereb (u Karl Joseph Xuereb) talli:

(A) Fit-3 ta' Marzu 2004 u fix-xhur u l-granet ta' qabel fil-fond 61, Triq il-Kbira San Guzepp, hamrun, fil-hanut "Pizza Pritt":

(1) Fi triq, f'hanut jew f'post pubbliku iehor jew f'kull bini, gieghlu jew hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li

jdejqu lid-detentur jew lin-nies li jkunu joqoghdu f'bini fil-qrib;

(2) Bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor;

(3) Holqu inkonvenjent lin-nies li jkunu joqoghdu f'bini fil-qrib permezz ta' rwejjah liema rwejjah qed jikkawzaw problemi ta' sahha lil Roger Aquilina u Stella Agius kif iccertifika Dr. John Bonnici Mallia M.D.;

(4) Fil-21 ta' Marzu 2004 ghall-habta tal-10.00 p.m. fethu jew zammew il-fond “Pizza Pritt” fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun minghajr licenzja mill-awtorita` kompetenti;

(5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu xi haga minghajr licenzja ta' awtorita` kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita` kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi;

(B) Fid-9 ta' April 2004 ghall-habta tal-11.10 p.m. u fil-15 ta' April 2004 ghall-habta tal-10.00 p.m. fil-fond 61 Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun:

(1) Fethu jew zammew il-fond “Pizza Pritt” minghajr licenzja mill-awtorita` kompetenti;

(2) Ghamlu xi haga minghajr licenzja ta' awtorita` kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita` kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi;

(3) Bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor;

(4) Holqu inkonvenjent lin-nies li jkunu joqoghdu f'bini fil-qrib permezz ta' rwejjah liema rwejjah qed jikkawzaw problemi lill-girien;

(C) Fl-14 ta’ April 2004 ghall-habta tal-11.00 p.m. u fix-xhur u l-granet ta’ qabel fil-fond 61, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun fil-hanut “Pizza Pritt”:

(1) Fi triq, f’hanut jew f’post pubbliku iehor jew f’kull bini, gieghlu jew hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detentur jew lin-nies li jkunu joqoghdu f’bini fil-qrib;

(2) Bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’xi mod iehor;

(3) Holqu inkonvenjent lin-nies li jkunu joqoghdu f’bini fil-qrib permezz ta’ rwejjah liema rwejjah qed jikkawzaw problemi ta’ sahha lil Roger u Lydia Aquilina;

(4) Fl-14 ta’ April 2004 ghall-habta tal-11.00 p.m. fethu jew zammew il-fond “Pizza Pritt” fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun minghajr licenzja mill-awtorita` kompetenti;

(5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu xi haga minghajr licenzja ta’ awtorita` kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita` kompetenti bis-sahha ta’ dik il-ligi;

(D) Fl-1 ta’ Mejju 2004 ghall-habta tal-10.00 p.m. u fix-xhur u granet ta’ qabel fil-fond 61, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, fil-hanut “Pizza Pritt”:

(1) Fi triq, f’hanut jew f’post pubbliku iehor jew f’kull bini, gieghlu jew hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detentur jew lin-nies li jkunu joqoghdu f’bini fil-qrib;

(2) Bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’xi mod iehor;

(3) Holqu inkonvenjent lin-nies li jkunu joqoghdu f’bini fil-qrib permezz ta’ rwejjah liema rwejjah qed jikkawzaw problemi ta’ sahha lil Roger u Lydia Aquilina;

(4) Fl-1 ta’ Mejju 2004 ghall-habta tal-10.00 p.m. fethu jew zammew il-fond “Pizza Pritt” fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun minghajr licenzja mill-awtorita` kompetenti;

(5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu xi haga minghajr licenzja ta’ awtorita` kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita` kompetenti bis-sahha ta’ dik il-ligi;

(E) Fit-8 ta' Mejju 2004, ghall-habta tal-11.55 p.m., fil-fond 61, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, fil-hanut “Pizza Pritt”;

(1) Fi triq, f’hanut jew f’post pubbliku iehor jew f’kull bini, gieghlu jew hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detentur jew lin-nies li jkunu joqoghdu f’bini fil-qrib;

(2) Bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’xi mod iehor;

(3) Holqu inkonvenjent lin-nies li jkunu joqoghdu f’bini fil-qrib permezz ta’ rwejjah liema rwejjah qed jikkawzaw problemi ta’ sahha lil Roger Aquilina u Stella Agius kif iccertifikat minn Dr. John Bonnici Mallia M.D.;

(4) Zammew il-fond “Pizza Pritt” 61, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun minghajr licenzja ta’ l-awtorita` kompetenti;

(5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu xi haga minghajr licenzja ta’ awtorita` kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita` kompetenti bis-sahha ta’ dik il-ligi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli taghti l-piena, tordna li jitnehha l-inkonvenjent jew jesegwixxu l-ligi fi

zmien stabbilit u fin-nuqqas jehlu piena ta mhux izjed minn Lm2 kuljum;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmijin Karl Joseph Xuereb u John Mark Xuereb hatja ta' l-imputazzjonijiet li jirrigwardjaw nuqqas ta’ licenzja ta’ l-awtorita` kompetenti u lliberathom minn dawk l-imputazzjonijiet, izda sabithom hatja talli fit-3 ta’ Marzu 2004, fid-9 ta’ April 2004, fl-14 ta’ April 2004, fil-15 ta’ April 2004, fl-1 ta’ Mejju 2004 u fit-8 ta’ Mejju 2004 u fix-xhur u l-granet ta’ qabel fil-fond 61, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, fil-hanut “Pizza Pritt”, (1) fi triq, f’hanut jew f’post pubbliku iehor jew f’kull bini, gieghlu jew hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detentur jew lin-nies li jkunu joqoghdu f’bini fil-qrib; (2) bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’xi mod iehor; (3) holqu inkonvenjent lin-nies li jkunu joqoghdu f’bini fil-qrib permezz ta’ rwejjah liema rwejjah qed jikkawzaw problemi ta’ sahha lil Roger Aquilina u Stella Agius kif iccertifika Dr. John Bonnici Mallia, u, wara li rat l-artikoli 18 u 338(m) tal-Kap. 9 u l-artikoli 41(1)(2) u 130(1) tal-Kap. 10, ikkundannathom ghall-hlas ta’ multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50) kull wiehed, ordnat is-sospensjoni ta’ kull licenzja moghija favur taghhom in konnessjoni ma’ l-istabbiliment in kwistjoni ghal perijodu mid-data ta’ dik is-sentenza sal-21 ta’ Settembru 2005, ordnatilhom sabiex sal-21 ta’ Settembru 2005, inehhi kull inkonvenjent kif rizultanti, b’referenza ghal dak sottomess mill-perit tekniku u dan taht penali ta’ zewg liri Maltin (Lm2) fin-nuqqas, u ordnat li l-ispejjez kollha in konnessjoni man-nomina ta’ espert tekniku waqt dawn il-proceduri jithallsu mill-imsemmijin Karl Joseph Xuereb u John Mark Xuereb lir-Registratrur tal-Qorti a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi John Mark Xuereb ipprezentat fit-8 ta’ Lulju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabitu mhux hati u tirriformaha fejn sabitu hati u tiddikjarah mhux hati ta’ kull imputazzjoni u b’hekk tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, u f’kaz li ssibu hati,

tirriforma l-piena u f'kull kaz tirrevoka l-ordni tas-sospensjoni ta' kull licenzja moghtija favur tieghu, in kwantu din ma taqax taht il-fakolta` tal-Qorti skond il-ligi u tirrevoka l-ordni sabiex inehhi kull inkonvenjent in kwantu li l-inkonvenjent ma jirrizultax;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Rat id-digriet tat-8 ta' Mejju 2006 fejn gie nominat il-Profs. Alfred Vella sabiex jaccedi mill-gdid fuq il-post sabiex jirrapporta fuq il-pozizzjoni attwali;

Rat id-digriet tas-26 ta' Gunju 2006 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Godwin Abela sabiex, in vista tar-rapport tal-Profs. Alfred Vella, jaccedi fuq il-post u jiddetermina x-xoghol li jrid isir ghall-eliminazzjoni tal-inkonvenjenzi u b'mod partikolari l-irwejjah imsemmija fir-rapport tal-Profs. Vella;

Rat id-digriet tad-9 ta' Awissu 2006 fejn awtorizzat li jaccedi fil-fond tal-kwerelanti l-Inginier Joeeph Muscat flimkien ma' l-A.I.C. Godwin Abela sabiex jigi stabbilit precizament ix-xoghol li jrid isir biex jigu eliminate l-inkonvenjenzi li minnhom qeghdin jilmentaw il-kwerelanti kif ukoll sabiex isiru tali xoghlijiet;

Rat u semghet id-diversi rapporti ta' l-esperti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel tliet aggravji ta' l-appellant jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Din il-Qorti semghet mill-gdid il-provi u, frankament ftit hemm x'wiehed jghid hlief li hija tqis attendibbli dak li xehdu Roger u Lydia Aquilina fir-rigward tat-tliet imputazzjonijiet in kwistjoni. Kwantu ghall-kwistjoni ta' l-irwejjah, dan irrizulta anke minn dak li gie determinat mill-esperti. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx li

s-sentenza appellata ghandha tigi revokata fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet imsemmija.

Ir-raba’ aggravju jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja u l-ordni biex l-appellant (flimkien ma’ huh il-ko-imputat l-iehor) inehhi l-inkonvenjent. Apparti kull konsiderazzjoni ohra, irid jinghad illi fil-mori ta’ dan l-appell, bl-ghajnuna ta’ l-esperti nominati mill-Qorti, saru bosta xoghlijiet fil-fond in kwistjoni sabiex mhux biss tigi eliminata l-problema ta’ l-irwejjah li kienu qeghdin jilmentaw minnha l-konjugi Aquilina izda sahansitra problema pjuttost serja ta’ shana eccessiva li kienu qeghdin ibatu minnha fir-residenza taghhom. Mir-rapporti ta’ l-esperti lil din il-Qorti jirrizulta illi x-xoghol kollu li gie rakkomandat sar a sodisfazzjon ta’ l-istess esperti. Konsegwentement illum ma jidhirx illi hemm aktar lok ghall-ordnijiet moghtija mill-ewwel Qorti ghas-sospensjoni tal-licenzja u ghat-tnehhija ta’ l-inkonvenjent a tenur ta’ l-artikoli 30 u 377(3) tal-Kap. 9.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tirrevokaha in kwantu ordnat is-sospensjoni ta’ kull licenzja moghtija favur l-appellant in konnessjoni ma’ l-istabbiliment in kwistjoni u in kwantu ordnatu sabiex inehhi kull inkonvenjent kif sottomess mill-perit tekniku taht penali ta’ Lm2 kuljum fin-nuqqas, tikkonfermaha fil-kumplament. Inoltre, a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9, tordna li nofs l-ispejjez ta’ l-esperti nominati f’din l-istanza jithallsu lir-Registratur mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------